MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1041/1998/1

**Joe Smith and Sons (1881) gia John Dacoutros & Sons**

**vs**

**Pinto Cold Stores Limited u David Borg**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici hija l-proprjetarja tal-imhazen l7, Pinto Wharf, Marsa, filwaqt li is-socjeta konvenuta hija c-censwalista temporanja tal-fond retropost ghall-fond tas-

socjeta attrici, bla numru bl-isem The Cold Stores gewwa Pinto Street, Marsa;

Illi s-socjeta attrici ghandha l-pussess ta' passagg li jaghti mill-bieb immarkat bl-ittra "A" fuq l-annessa pjanta markata Dokument Zl ghall-fuq il-proprjeta illum f'idejn is-socjeta konvenuta liema passagg jizbokka f'Pinto Road, fejn immarkat bl-ittra "E" fuq l-istess pjanta;

Illi recentement il-konvenuti immolestaw lis-socjeta attrici fil-pussess ta' dan il-passagg billi imblukkaw minn barra bil-gebel u bricks il-bieb immarkat bl-ittra A, filwaqt li ikkostruwew bieb ossia "gate" fil-posizzjoni immarkata bl-ittra "E" fuq l-annessa pjanta fejn il-passagg de quo jizbokka f'Pinto Street;

Illi l-agir abbuziv u illegali tal-konvenuti jikkostitwixxi molestja fil-pussess ta' dan il-passagg liema access ilu hemm sa mill-bidu tas-snin hamsin;

Illi peress li bis-sahha tal-artikolu 534 tal-Kodici Civili is-socjeta attrici ghandha dritt li titlob li tinzamm fil-pussess ta' dan il-passagg;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. tiddikkjara li il-konvenuti immolestaw lis-socjeta attrici fil-pussess tal-passagg de quo li jizbokka fi Triq Pinto, Marsa;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrientegraw lis-socjeta attrici fil-pussess tal-passagg de quo li jizbokka f'Pinto Street, Marsa, u jirripristinaw kollox ghall-istat li kien qabel tali molestja;

3. fin-nuqqas li jottemperaw ruhhhom, tawtorizza lis-socjeta attrici sabiex a spejjes tal-konvenuti taghmel dawk

ix-xogholijiet necessarji sabiex issir ir-rientegrazzjoni fil-pussess tal-passagg de quo;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermatabil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Gunju 1998 li bih giet michuda t-talba tas-socjeta attrici sabiex din il-kawza tinstema bl-urgenza;

Rat id-decizjoni taghha tas-16 ta’ April 1999 li biha giet michuda t-talba tal-konvenuti sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u ghalhekk tinghata lilhom l-opportunita’ li jikkontestaw t-talba attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumeni esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjta attrici;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti u dik tas-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2000;

Ikkonsidrat:

Jigi rilevat li l-konvenuti huma kontumaci. F’dan ir-rigward ghandu jinghad li fil-21 ta’ April 1999 il-konvenuti talbu (fol.54) li jigu awtorizzati jintavolaw appell mid-decizjoni ta’ din il-Qorti tas-16 ta’ April 1999 fejn giet michuda t-talba taghhom sabiex jiggustifikaw il-kontumacja u b’hekk jigu ammessi jikkontestaw it-talbiet attrici. Jidher li ma giex provdut definittavament dwar din it-talba. Mill-mod kif issoktat il-kawza, wara li saret din it-talba tal-konvenuti, hu ovvju li t-talba ma gietx akkolta. Hu ovvju ukoll li jibqa inpregudikat id-dritt tal-konvenuti li jappellaw ukoll mill-imsemmija decizjoni tal-21 ta’ April 1999 wara li tkun inghatat din is-sentenza;

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici tippremetti li hi proprjetarja ta’ imhazen li jinsabu f’Pinto Wharf il-Marsa, filwaqt li is-socjeta konvenuta hija c-censwalista temporanja tal-fond retropost ghall-imsemmija imhazen u liema fond hu bla numru u hu mgharuf bhala ‘The Cold Stores’. Is-socjeta attrici tippretendi li ghandha l-pussess ta' passagg li jaghti ghall-fuq il-proprjeta tas-socjeta konvenuta u li jizbokka f'Pinto Road, Marsa. L-istess socjeta attrici tallega li recentement il-konvenuti immolestawha f’dan il-pussess billi imblukkaw minn barra bil-gebel u bricks il-bieb li jghati fuq l-imsemmi passagg u inoltre kkostruwew bieb fejn l-istess passagg jizbokka f'Pinto Street. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob, fost affarijiet ohra, li jigi dikjarat li l-konvenuti mmolestaw lis-socjeta attrici fil-pussess tal-imsemmi passagg u li l-istess konvenuti jigu kundannati jirrientegraw lis-socjeta attrici fil-pussess tal-passagg u li jirripristinaw kollox ghall-istat li kien qabel tali molestja;

Din l-azzjoni tas-socjeta attrici hi bbazata fu il-provedimenti tal-artikolu 534 tal-Kodici Civili. Sabiex tirnexxi l-azzjoni, skond dan l-artikolu, s-socjeta attrici trid tipprova b’mod sufficjenti li kellha l-pussess tal-passagg, li dan il-pussess ma kienx gie ghandha bi vjolenza, bil-mohbi jew b’xi titolu prekarju u li din il-kawza giet istitwita fi zmien sena mill-molestia;

Mill-provi prodotti jirrizulta li in effett is-socjeta attrici kienet ilha tghamel uzu mill-passagg ghal diversi snin u li qabel ma gie mbarrat il-bieb, l-istess socjeta attrici, kienet tuza l-istess bieb regolarment. Ghalhekk, jista jinghad, li saret il-prova li s-socjeta attrici kellha l-pussess ta’ dan il-passagg u f’dan ir-rigward issir referenza ghad-deposizzjoni ta’ John Dacoutros u ta’ George Borg, ghall-affidavit ta’ Pawlu Caruana u ghar-ritratti esibiti. Zgur li ma jirrizultax li dan il-pussess gie ghand is-socjeta attrici bi vjolenza, bil-mohbi jew b’titolu prekarju. Jidher inoltre li l-kawza saret

fiz-zmien li trid il-ligi. F’dan ir-rigward jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet akkwistat il-bicca art li ghal fuqha jghati l-bieb li gie eventwalment imbarrat fis-7 ta’ Awissu 1997. John Dacoutros xehed li skopra li s-socjeta konvenuta kienet xtrat din il-bicca art appuntu dak in-nhar li sab li l-bieb kien gie mbarrat. L-istess xhud ikkonferma li kienu impjegati tas-socjeta konvenuta li tellghu l-hajt in kwestjoni. Peress li din il-kawza giet presentata fit-18 ta’ Mehjju 1998 jirrizulta li l-kawza saret fit-terminu ta’ sena kif trid il-ligi;

In vista tal-premess it-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta attrici u b’hekk tiddikkjara li il-konvenuti immolestaw lis-socjeta attrici fil-pussess tal-passagg mertu tal-kawza u li jizbokka fi Triq Pinto, Marsa; tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahar millum jirrientegraw lis-socjeta attrici fil-pussess tal-imsemmi passagg u jirripristinaw kollox ghall-istat li kien qabel tali molestja u fin-nuqqas li l-konvenuti jottemperaw ruhhhom, tawtorizza lis-socjeta attrici sabiex a spejjes tal-konvenuti taghmel dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex issir ir-rientegrazzjoni fil-pussess tal-istess passagg u dana taht is-sorveljanza tal-AIC Godwin Abela li qed jigi nominat appositament ghal dan il-ghan;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------